

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-1 ta' Diċembru 2010 — Gagħali vs Il-Kunsill

(Kawża F-89/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Sigurtà soċjali — Incident fuq il-post tax-xogħol — Invalidità permanenti parżjali — Deċiżjoni li jithallu sa 75 % tal-ispejjeż ta' kura termika — Rimbors ta' servizzi mediċi skont l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal u rimbors addizzjonali skont l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Esklużjoni tal-ispejjeż ta' akkomodazzjoni — Rifjut ta' rimbors addizzjonali — Interpretazzjoni tal-Artikolu 73(3) tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 9 tar-Regoli Komuni dwar l-assigurazzjoni kontra r-riskju ta' inċident u ta' mard minn fuq il-post tax-xogħol)

(2011/C 30/119)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Spyridon Gagħali (Krainem, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lhoëst, avukat, sussegwentent minn N. Lhoëst u L. Delhaye, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u K. Zieleśkiewicz, aġġent)

Suġġett

Rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li tirrifjuta lir-rikorrent ir-imbors sa 75 % tal-ispejjeż kollha marbuta ma' kura termika, skont l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) S. Gagħali għandu jbatis l-ispejjeż kollha.

⁽¹⁾ ĠU C 312, 19.12.2009, p. 45.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-30 ta' Novembru 2010 — Taillard vs Il-Parlament

(Kawża F-97/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Leave tal-mard suċċessiv — Arbitraġġ — Konklużjonijiet favur il-kapaċċità għax-xogħol — Ċaħda ta' ċertifikat mediku ġdid maħruġ b'mod regolari — Nuqqas ta' kontroll mediku — Imputazzjoni tal-leave tal-mard fuq it-tul tal-leave annwali — Inammissibbiltà — Rikors għal annullament u għad-danni)

(2011/C 30/120)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Christine Taillard (Thionville, Franza) (rappreżentanti: N. Cambonie u C. Lelièvre, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Zejdová u S. Seyr, aġġenti)

Suġġett

Minn naħa waħda, talba għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Parlament Ewropew iddikjara bħala inammis-sibbi ċertifikat mediku li jiċċertifika l-linkapaċċità għax-xogħol tar-rikorrenti u tad-deċiżjoni sussegwenti li jitnaqsu l-ġranet tal-leave. Min-naħa l-oħra, talba għad-dannu subit mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2009, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew irrifjuta li jaċċetta ċ-ċertifikat mediku tal-5 ta' Jannar 2009 u li naqqas l-assenza ta' C. Taillard mis-6 sad-9 ta' Jannar 2009 mill-leave annwali tagħha hija annullata.
- (2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Parlament għandu jbatis minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn C. Taillard.

⁽¹⁾ ĠU C 24, 30.01.2010, p. 81.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tal-14 ta' Diċembru 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-1/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Assigurazzjoni għall-mard — Talbiet għal rimbors ta' spejjeż mediċi — Nuqqas ta' att li jikkawża preġudizzju — Inammissibbiltà — Nuqqas ta' motivazzjoni)

(2011/C 30/121)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad il-ħlas ta' 100 % tal-ispejjeż mediċi tar-rikorrenti.